**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SITTA U TLETIN**

**30 ta' MEJJU, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**SKUŻAT**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li ma setgħax jattendi minħabba raġuni familjari. **Dok 1 mehmuż.**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IL-Viċi-Chairperson Maria Schembri ppresediet il-laqgħa minħabba li ċ-Chairperson Pierre Farrugia, informa li ser jattendi tard.

**36.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

36.1.1 Il-Viċi-Chairperson Marija Schembri ġibdet l-attenzjoni li peress li t-tabelli ta' *'Il-ġenituri huma responsabbli tat-tfal tagħhom waqt li jkunu f'dan il-ġnien'* ser idumu ftit biex jitwaħħlu, l-Kumitat Amministrattiv għandu jagħmel temporanjament tali tabelli.

***36.2*** ***Suġġerimenti u lmenti***

36.2.1 Il-membru Kevin Sam Farrugia staqsa fuq il-barriers li kellhom isiru fi Triq ir-Rettur. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali barrier ser titwaħħal din il-ġimgħa.

36.2.2 Il-membru Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq dawn:

- isiru double yellow lines fil-ġnub ta' garaxx kbir fi Triq Dun Gejt Muscat viċin il-ħanut tal-merċa. – kien hemm qbil fuq dan.
- Biex jintalab permess għal zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza hekk kif toħroġ minn Triq it-Torri - kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jitlob lit-Transport Malta biex tiddeċiedi hi fejn tista ssir ż-zebra crossing. Wara jekk ikun hemm bżonn jiġu kkonsultati r-residenti ta' fejn tkun ser titpoġġa ż-zebra crossing.
- Biex issir traffic island jew bollards fi Triq Hompesch hekk kif tkun ser toħroġ għal Triq San Martin. – Ma kienx hemm qbil minħabba li minn tali post ma tantx jagħddu vetturi u jekk issir t-traffic island, jista jkun hemm iżjed periklu. Kien hemm qbil li issir 'stop' marking kbira minflok it-tnejn eżistenti.

36.2.3 Il-Viċi-Chairperson Marija Schembri ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn patching fi Triq Bubaqra fejn hemm xi servizzi. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

***36.3 No Entry Except for Residents fi Triq Santa Marija***

36.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni ta' residenti li għandhom garaxxijiet fi Triq Santa Marija. Dawn talbu li t-triq tinbidel u ssir 'one way except for residents'.
Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil minħabba l-periklu li jsibu ma wiċċhom, l-vetturi li jiġu mill-pjazza.

***36.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

36.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:45 u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar il-Erbgħa 28 ta' Ġunju, 2017 fil-17:30.

Konfermati, illum 28 ta' Ġunju, 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |